Kollu wieħed jidlam, jisbaħ,
X'inhu llum ebda ma nfittxu,
Niltennew l-għada jkun isbaħ,
Bla ma naħsbu x'jista' jsir;

Għal kull xejn tarana nżiġġu,
Għal kull ħaġa qalbna ttir.

Sajf u xitwa fiż-żgħurija
Il-qalb dejjem hienja żżommha,
Tgħaddi fuqna x-xemx qawwija,
Jew tal-kesħa jgħaddi r-riħ...

Ma jiksirna bard la għomma,
U kull żmien naraw sabiħ.

Iżda x'ħaġa! fiż-żgħurija
Ma nintebħu xejn bil-hena
Li bih qalbna tkun mimlija,
Ma nagħarfu deni u ġid:

Wara l-erbatax il sena
Dik il-ħajja kieku trid.

O żmien ħelu, għax bis-serqa
Tgħaddi w tmur bla ħadd ma jsibek?
Bħala leħħa minn ta' berqa
Għaddejt fuqi u ġejt meħud:

Li kont nista' nerġa' nġibek
Kieku fik irrid immut.

## IS-SENA L-ĠDIDA

Is-sena l-ġdida daħlet; Alla jtina
Illi tajjeb sal-aħħar intemmuha,
U l-hena nitolbuh illi jurina
Sabiex mill-isbaħ snin aħna ngħodduha.

Ikun għamilna fejda u ġid għalina
Biex bil-qalb kollha fl-aħħar inberkuha;
Biss għamil tajjeb jidher dejjem fina,
Mn'idejn Alla kull ħaġa wkoll neħduha.

Qawwa l-marid, sabar il-fqir, u sliema
Ikollu l-baħri biex il beltu jara,
Il-għonja dawl, u xogħol il-ħaddiema.

Bħal aħwa nieqfu ma' xulxin, kif Alla
Jitlob mill-bniedem, mimlijin bil-ħrara
Wieħed għal ieħor, kif miktub Hu ħalla.

## L-ARMLA

Bil-hemm, bil-biki d-dinja wisq mimlija.
Għodwa ma tisbaħ li ma jikbi ħadd,
Kif kulljum nara jien, u drabi fija.

Daqqa dak, daqqa dak, iżda kulħadd
Kellu, għandu, jo jkollu jwaġġa' qalbu,
U ħadd ma jgħid — "Ma bkejt, ma nibki qatt".

Min dak l-hemm, min dak l-uġigħ isallbu,
Hieni min jista' fis jeħles minn hemmu,
U fih ma jibqa' sakemm wisq igħallbu.

Fost l-akbar weġgħa l qalb li nistgħu nsemmu,
Jien nara meta r-raġel titlef mara
Li kienet biss titgħajjex b'għarqu u demmu.

Dit-telfa hi wisq, li minnha jiġi wara
Hu ħaġa triegħed; omm fqira, miskina......
Fuq uliedha min qatt jista' jsabbarha!......

Jekk Alla ma jħarisx ħarsa ħanina
Fuqha mis-sema, ħadd ma jkun għaliha,
U x'inhu l-akbar hemm l-armla turina.

Tara kulħadd iwarrab u jħalliha,
Dawk li dari ta' ġewwa lkoll jitbiegħdu,
U saħansitra niesha l-ġenb tatiha.

Jista' jkun, dawn għall-ewwel lilha jqiegħdu
F'xi tama, iżda ftit ftit jibdew jerħuha,
U jonqsu f'qasir żmien minn kull ma wegħdu.